MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 1092/2008

Ronald Galea bhala mandatarju specjali ta' l-assenti: [1] Hassem Abu Elwafa El Geziry, [2] Asaad Wahbi Akil, [3] Abd El Rahman Gezzawy, [4] Mahmoud Ibrahim Mahmoud, [5] Ramadan Ahmed Selim, [6] Amer El Bahsa, [7] Ibrahim Abd Elrady A Elmoaety, [8] Mohammed Ebd El Aal, [9] Zaid Zaghiol, [10] Mohammed Fouad Abd El Rehim, [11] Mohammed Mustafa Abd El Fattah, [12] Adel Shehata Abd Elmoamen, [13] Mahmoud Saad, [14] Reda Abd El Maksoud, [15] Ahmed Mohammed Rouchdy, [16] Saber Hashem Abd El Moteelleb, [17] Khaled Mohammed Younis, [18] Ali Ahmed Abu Zeid, [19] Sameh Mahrous Abd El Baset, [20] Elsayed Elsayed Abd Elsalam, [21] Mohammed El Bashouty, [22] Ayman Gamal Eldin, [23] Wagdi Mohammed Abd Abd Ellatif, [24] Gaber Gaber Rashwan, [25] Ahmed Mohammed El Sayed, [26] Khames Elsayed Moussa, [27] Ahmed Elsayed Osman, [28] Ibrahim Eldessouky, [29] Mohammed Hassab Khorshid

vs

M.V. Frau Nancy, registrata North Korea, gross tonnage 1887, net tonnage 1132, International call sign HMZK-2

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-mandatarju specjali Ronald Galea li bih espona:

Illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' mitejn u wiehed u sebghin elf sitt mija w tnejn u hamsin Ewro (€271,652) rappresentanti pagi dovuti lilhom ghall-prestazzjonijiet rezi minnhom bhala ekwipacc tal-vapur intimat, u dana kif spjegat ahjar fid-dokument anness mar-rikors u immarkat bhala Dok RG2.

Illi minkejja li l-intimat gie debitament interpellat sabiex ihallas l-imsemmija somma flimkien mal-imghax relattiv, huwa baqa' inadempjenti.

Illi dan id-debitu huwa cert likwidu w dovut u fl-opinjoni tar-rikorrenti, l-intimat ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti w ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza abbazi ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-rikorrent nomine talab lill-Qorti:

[1] taqta' u tiddeciedi l-kawza abbazi ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 12 u cioe` bid-dispensa tas-smigh; [2] tiddikjara lill-intimat bhala debitur tar-rikorrenti fis-somma globali ta' mitejn u wiehed u sebghin elf sitt mija w tnejn u hamsin Ewro (€271,652), fl-ishma rispettivi ai termini tal-prospett anness mar-rikors u immarkat bhala Dok. RG2; [3] tordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata. Kollox skond kif gie dikjarat aktar 'l fuq ghar-ragunijiet premessi.

Bl-imghax mid-data ta' meta kull pagament rispettiv kien dovut sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, kontra l-intimat li gie ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-mandatarju specjali tar-rikorrenti.

**B. PROVI**

Gie prezentat l-affidavit ta' Ronald Galea li fih issemma li hu gie inkarigat minn diversi persuni li kienu jahdmu bhala ekwipagg tal-vapur MV Frau Nancy sabiex jagixxi bhala mandatarju specjali taghhom f'dawn il-proceduri li xtaqu jaghmlu kontra l-vapur imsemmi, ghal pagi mhux imhallsa taghhom. Illi b'kollox l-ammont ta' pagi dovuti jammonta ghal €271,652. Illi minkejja diversi tentattivi sabiex is-somma fuq indikata u l-imghax relattiv tithallas, din is-somma baqghet ma thallsitx u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Iddikjara li dawn il-fatti jafhom personalment.

Rat illi ghas-seduta tal-lum ma deher hadd ghall-intimat.

Rat in-nota ta' ammissjoni (fol 72 tal-process) tas-socjeta` MMS 2006 Limited fil-kwalita` taghha ta' agent tal-bastiment MV Frau Nancy.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni t-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata u l-Qorti filwaqt li qed taqta' u tiddeciedi l-kawza abbazi ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 12 qed tilqaghha u konsegwentement tiddikjara lill-intimat bhala debitur tar-rikorrenti fis-somma globali ta' mitejn u wiehed u sebghin elf sitt mija w tnejn u hamsin Ewro (€271,652) kif jidher fl-ishma rispettivi ai termini tal-prospett anness mar-rikors guramentat, u tordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti l-istess somma.

Bl-imghax mid-data ta' meta kull pagament rispettiv kien dovut sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------